MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2006

Talba Numru. 1306/2005

**David Ellis (ID 418390M) bhala bursar fl-isem u fl-interess tal-Kullegg St Edward's**

**Vs**

**Kenneth u Louise konjugi Cefai**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Gunju 2005 fejn l-atturi talbu sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta' Lm356 (tlett mija sitta u hamsin Lira Maltin) rapprezentanti drittijiet tal-Kullegg St Edward's ghal taghlim u edukazzjoni tat-tifel tal-konvenuti.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi l-konvenuti huma debituri tal-attur nomine fis-somma ta' tlett mija sitta u hamsin lira Maltin (Lm356)

rapprezentanti drittijiet tal-Kullegg St Edward's ghal taghlim u edukazzjoni in konnessjoni mal-attendenza tat-tifel taghhom, student fl-istess kullegg, u dan skond kont li jgib id-data ta' l-1 ta' Settembru 2003 li kopja tieghu huwa hawn anness u mmarkat Dok "A";

Illi l-konvenuti Kenneth u Louise konjugi Cefai ghalkemm interpellati anke ufficjalment sabiex ihallsu dan l-ammont permezz ta' ittra ufficjali li jgib id-data tat-22 ta' Frar, 2005 (li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok "B" u li giet debitament notifikata fis-26 ta' Frar 2005) baqghu inadempjenti.

Ghalhekk qieghda ssir din il-kawza sabiex il-konvenuti jigu kkundannati ihallsu l-hawn fuq imsemmi ammont ta' Lm356 lil attur nomine oltre l-imghaxijiet ulterjuri mis-26 ta' Frar 2005 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-Vat fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-22 ta' Frar 2005 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra u cioe mis-26 ta' Frar, 2005 sad-data tal-pagament effettiv, kontra il-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni taghhom.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi t-talba ta' l-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li hi infondata fil-fatt u fi dritt;
2. Illi l-ammont mitlub mhux dovut stante li l-minuri m'attendiex l-iskola St Edward's College fil-perjodu tal-kont mitlub;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-pendenza hija limitata odjernament in kwistjoni tal-preskrizzjoni. Illi sussegwenti ghax-xhieda ta' David Elis moghtija fis-7 ta' Novembru 2005, il-konvenut jecepixxi l-preskrizzjoni, liema preskrizzjoni ma taqax taht

l-artikolu 2147A izda t-2148, ossia preskrizzjoni ta’ hdax il-xahar. Il-burzar tal-kullegg xehed illi meta gew infurmati li t-tifel taghhom ma kienx ser ikompli jattendi l-kullegg u in vista illi ma agixxewx ai termini ta’ l-istess kuntratt tal-ammissjoni a Fol 19 tas-sekwenzi tal-process precizament fl-artikolu 7, il-kullegg agixxa ghal hlas.

Illi jirrizulta li l-kont gie moghti fl-1 ta’ Settembru 2003. Giet prezentata ittra ufficjali fit-22 ta’ Frar 2005 u giet notifikata fis-26 ta’ Frar 2005 u ghaldaqstant allura t-tmintax il-xahar kienu ghadhom ma ghaddewx. L-istess kullegg lahaq ezattament ghax dawn kienu jiskadu fl-ahhar tax-xahar ta’ Frar.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut tal-preskrizzjoni u jordna l-prosegwiment tal-kawza fuq l-mertu. Spejjes ghall-istess konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------